**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**OMISSIS**

Numru: 64/2014

Illum 10 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **OMISSIS** akkuzat talli nhar is-16 ta' Lulju 2014, ghall-habta ta' 18:00hrs, u fil-granet u x-xhur ta' qabel din id-data, gewwa Ghawdex, u gewwa dawn il-Gzejjer, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq it-tarbija tieghu bl-isem ta' OMISSIS skont kif iccertikat Dr. Mariella Mangion MD;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghall-familjari tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 225) datata 4 ta' Jannar 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat OMISSIS biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(iv)(d)(2) u 222(1)(a)(b) b'referenza ghall-artikolu 202(h)(iii) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 226), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Jannar 2016, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-difiza li jaqblu dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom fl-ghoti tal-piena.

Fis-sottomissjonijiet finali ntqal kif l-imputat inghata l-ghajnuna mehtiega wara dak li kien gara u llum il-familja tieghu, martu u bintu lesti li jaffrontaw l-isfidi tal-hajja u fejn ikun mehtieg jirrikorru ghall-ghajnuna. Illum t-tarbija rkuprat ghal kollox u l-imputat jaf li dakinhar tal-incident zbalja u patta ghalih tant li minhabba ordnijiet tal-Qorti hu kellu jghix il boghod mill-familja. Huwa importanti li l-imputat izomm l-impjieg tieghu ghaliex jekk jitilfu jkun ta' kastig ghal familtu u mhux biss ghalih. L-incident m'ghandu x'jaqsam xejn mal-hidma tieghu.

Il-Qorti se tipprovdi dwar dawn il-punti mqajjma aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

"*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

*Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(iv)(d)(2) u 222(1)(a)(b) b'referenza ghall-artikolu 202(h)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat OMISSIS hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

In oltre, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tpoggi lill-imputat OMISSIS taht Ordni ta' Supervizzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment u li joqghod ghad-direttivi kollha li jinghata mill-Ufficcjal tal-Probation dwar il-kura u trattament necessarji li huwa ghandu bzonn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta' tieghu x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jiehu konjizzjoni taghha u jiehu l-passi necessarji.

Finalment wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-

Qorti s-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€552.82) bhala spejjez peritali.

**Il-Qorti tirrakomanda illi f'dawn ic-cirkustanzi specjali fil-familja, l-imputat izomm l-impjieg.**

**Finalment l-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem l-imputat OMISSIS fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.**

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**